

Brussell, 23 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5627/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)

AGRI 31
AGRILEG 13
AGRIFIN 3
AGRISTR 2
AGRIORG 4
CODEC 155
CADREFIN 33

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 9645/18 + COR 1 + ADD 1
9634/18 + COR 1 + ADD 1

Suġġett: Il-pakkett ta' riforma tal-PAK wara l-2020 (Ir-Regolament dwar il-Pjanijiet
Strateġiċi u r-Regolament Orizzontali tal-PAK)
- Nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza

Bil-ksieb tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-28 ta' Jannar 2019, id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza biex tiggwida d-dibattitu ministerjali.

1. Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat pakkett ta' tliet proposti legiſlattivi għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-perijodu 2021-2027. Fosthom, ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u r-Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Orizzontali") jippreżentaw interkonnessjonijiet sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti tal-prestazzjoni tal-"mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid" tal-PAK futura.
2. Il-proposti msemmija hawn fuq ġew eżaminati fil-Gruppi ta' Ħidma responsabbli, jiġifieri l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (Riforma tal-PAK) għar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji għar-Regolament Orizzontali. Iż-żewġ Regolamenti ġew ukoll eżaminati mill-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura f'diversi okkażjonijiet u mill-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fil-laqgħat kollha tiegħu minn Ġunju sa Diċembru 2018.
3. Taħt il-Presidenza Awstrijaka, l-ewwel qari tal-proposta tlesta fil-Gruppi ta' Ħidma u ġie ppreżentat "Rapport ta' Progress" lill-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" f'Diċembru 2018 (dok. 15027/18). Dak ir-rapport jagħmel referenza għas-suġġerimenti ta' abbozzar proposti mill-Presidenza għaż-żewġ Regolamenti, li kienu meqjusa mid-delegazzjonijiet bħala punt ta' tluq importanti għal aktar ħidma.
4. Mill-bidu nett, il-"**mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid**" kien wieħed mis-suġġetti prinċipali għad-diskussjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-piż amministrattiv li jista' jimplika, ir-riskju ta' korrezzjonijiet finanzjarji u l-livell adegwat ta' sussidjarjetà fl-implimentazzjoni tal-politika. Sabiex tiġi żgurata bidla għal approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jistabbilixxu objettivi annwali fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom u jirrapportaw dwar il-kisbiet tagħhom kull sena sal-15 ta' Frar frapport annwali dwar il-prestazzjoni, li jipprovdi kemm data finanzjarja kif ukoll informazzjoni dwar il-prestazzjoni. Jekk il-valuri rrapportati ta' wieħed jew iktar mill-indikatur tar-riżultat jitbiegħdu mill-objettivi rispettivi b'aktar minn ċertu marġni ta' tolleranza, il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri jippreżentaw pjan ta' azzjoni bħala azzjoni ta' rimedju.

5. Il-marġni ta' tolleranza ta' 25 % propost mill-Kummissjoni kien meqjus minn diversi delegazzjonijiet bħala restrittiv wisq. Barra minn hekk, l-objettivi annwali kienu meqjusa bħala sors potenzjali ta' diffikultajiet għall-Istati Membri, kemm fir-rigward tal-istabiliment tagħhom (b'mod partikolari b'rabta ma' miżuri mhux ibbażati fuq is-superfiċje/l-annimali fil-pilastru II) u l-monitoraġġ tagħhom (minħabba l-piż amministrattiv li dan ikun jimplika u d-devjazzjonijiet kbar possibbli f'każ ta' miżuri bħal investimenti). F'dan ir-rigward, ġew esplorati diversi għażliet kemm mill-Presidenza Awstrijaka kif ukoll dik Rumena, inkluż objettivi biennali, marġni ta' tolleranza ogħla ta' 35 % u "approċċ progressiv", b'marġni ta' tolleranza ogħla fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni. L-iskadenza tal-15 ta' Frar għall-preżentazzjoni tar-rapport tal-prestazzjoni annwali kienet meqjusa minn bosta delegazzjonijiet bħala diffikultà, minħabba l-kwantità ta' informazzjoni li għandha tingħata mhux biss dwar l-infiq, iżda wkoll dwar il-prestazzjoni, fir-rigward tas-sena finanzjarja preċedenti (li tintemm fil-15 ta' Ottubru).
6. Fil-KSA tal-21 ta' Jannar 2019, id-delegazzjonijiet tennew ir-rieda tagħhom fir-rigward tal-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni proposta iżda enfasizzaw il-ħtieġa li wieħed joqrob lejn mudell li jaqdi l-ħtiġijiet tal-Istati Membri. B'mod ġenerali qablu dwar il-ħtieġa li l-marġni ta' tolleranza propost mill-Kummissjoni jiżdied u tennew it-tħassib tagħhom dwar l-objettivi annwali għal ċerti tipi ta' interventi. Ġew appoġġati għażliet differenti, fosthom li l-kisba tal-objettivi tiġi verifikata kull sentejn (jew darbtejn biss matul l-implimentazzjoni tal-politika) jew li l-istabiliment tal-objettivi jiġi evitat għall-ewwel snin. Ġie espress ukoll tħassib dwar jekk hux possibbli li tiġi rispettata l-iskadenza tal-15 ta' Frar fir-rigward tal-preżentazzjoni tar-rapport annwali dwar il-prestazzjoni. Id-delegazzjonijiet talbu li l-iskadenza tiġi posposta jew inkella li fir-rapport tiġi inkluża biss informazzjoni bażika, b'mod partikolari dwar data finanzjarja, u li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni fi stadju aktar tard.

Mistoqsija 1:

Bħala politika pubblika, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) minn dejjem kienet xprunata minn kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja. Il-Kummissjoni pproponiet li sseddaq aktar dawn il-kunsiderazzjonijiet permezz ta' "mudell ta' implimentazzjoni ġdid" orjentat lejn il-prestazzjoni, li l-Istati Membri fil-prinċipju qablu dwaru. Aspett ewlieni f'dan il-qafas hija l-iskadenza tal-15 ta' Frar, li mhux aktar tard minnha l-Istati Membri jeħtieġ li jippreżentaw informazzjoni essenzjali frapport annwali dwar il-prestazzjoni biex tiġi żgurata r-rabta bejn il-fondi tal-UE u l-kisbiet tal-miri dwar il-prestazzjoni.

- Peress li, fl-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni, ir-riżultati probabbilment ser ikunu limitati, taħseb li ser ikun neċessarju approċċ progressiv, fejn jiġi permess ċertu livell ta' devjazzjoni mill-miri u mbagħad isir tnaqqis b'mod gradwali għall-[25 %] propost mill-Kummissjoni, sabiex jingħata appoġġ aħjar lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom?
- Fl-opinjoni tiegħek, liema tip ta' informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta b'mod obligatorju sal-15 ta' Frar biex jiġu ggarantiti r-responsabbiltà u l-assigurazzjoni?

7. Ir-Regolament Orizzontali jipproponi li tiġi stabbilita **riżerva agrikola** għall-perijodu 2021-2027, li tissostitwixxi r-riżerva għall-kriżijiet attwalment stabbilita fir-Regolament Orizzontali. Il-Kummissjoni ttipproponi trasferiment ta' ammonti mhux użati mir-riżerva għall-kriżijiet attwali mill-2020 biex tistabbilixxi r-riżerva agrikola l-ġdida (mill-inqas EUR 400 miljun) fl-2021, għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u biex jiġi evitat l-eżerċizzju ta' dixxiplina finanzjarja fil-bidu tal-perijodu l-ġdid.
8. Madankollu, dan il-mekkaniżmu tal-istabbiliment tar-riżerva kien punt prinċipali ta' diskussjoni. Xi delegazzjonijiet jaqblu mal-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li oħrajn isostnu li l-ammonti mhux użati mill-2020 għandhom jiġu rritornati lill-bdiewa, b'konformità mar-regoli attwali. Imbagħad, minflok, ir-riżerva agrikola l-ġdida għall-perijodu 2021-2027 tiġi ffinanzjata permezz ta' dħul assenjat jew disponibbiltajiet oħra mill-FAEG. Fil-KSA tal-21 ta' Jannar 2019, id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti, u kull waħda miż-żewġ għażliet ġiet appoġġata minn għadd simili ta' delegazzjonijiet. Madankollu d-delegazzjonijiet ikkondividew il-fehma li d-dixxiplina finanzjarja fil-perijodu 2021-2027 għandha tintuża biss bħala l-aħħar għażla għall-finanzjament tar-riżerva agrikola.

9. Fil-PAK il-ġdida, il-Kummissjoni tistenna li d-dixxiplina finanzjarja tintuża biss bħala l-aħħar għażla, jiġifieri f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn ma tkun disponibbli l-ebda riżorsa baġitarja oħra jew inkella din ma tkunx biżżejjed. Barra minn hekk, hemm raġunijiet ta' simplifikazzjoni, li wasslu lill-Kummissjoni biex tħassar id-dispożizzjoni attwali fir-Regolament dwar il-Pagamenti Diretti li r-rata ta' aġġustament għandha tapplika biss għall-pagamenti diretti lill-bdiewa *li jeċċedu EUR 2000*. Madankollu, għadd ta' Stati Membri jixtiequ jżommu l-limitu ta' EUR 2000 fil-leġislazzjoni l-ġdida sabiex jeżentaw b'mod partikolari lil bdiewa b'azjenda agrikola żgħira mid-dixxiplina finanzjarja, għalkemm, skont il-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu tali limitu jekk ikunu jixtiequ hekk.

Mistoqsija 2:

Attwalment, l-aspetti ewlenin relatati mar-riżerva agrikola u d-dixxiplina finanzjarja huma parti mill-Kaxxa ta' Negozjar tal-QFP. Il-Presidenza tqis li l-mekkaniżmu l-ġdid ta' trasferiment u r-riforniment tar-riżerva agrikola għandhom ukoll jiġu diskussi fil-livell tal-Ministri għall-agrikoltura, minħabba l-importanza tas-suġġett għall-PAK futura. Konsegwentement, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex fl-interventi tagħhom jindirizzaw l-aspetti li ġejjin:

- Taqbel mal-mekkaniżmu propost fir-rigward tat-trasferiment tal-ammonti mhux użati fis-sena 2020 għas-snin ta' wara sabiex tiġi stabbilita r-riżerva agrikola fl-2021?
- L-ammonti mhux użati mir-riżerva għall-kriżijiet mis-sena 2020 għandhom jiġu rimborżati lill-benefiċjarji?
- Tqis li l-limitu ta' EUR 2000 għandu jinżamm fis-seħħ għall-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja?